MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2007

Numru 41/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marisa Camilleri**
**Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**JESMOND BUGEJA**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Jesmond Bugeja, bin Alfred u Doris nee Ellul, mwieled Pieta nhar il-15 ta' Settembru 1966, residenti 15 Flat 2 Scorpio Dahlet id-Dejr Rabat u detentur tal-karta ta' l-identita 393766M gie akkuzat:

Talli b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' ammont ta' flus ghad-detriment ta' diversi persuni, liema serq huwa kwalifikat bil-valur, liema valur ma jaqbizx l-Lm1,000 (skond l-Art 18, 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Aktar talli b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' mobile phones ghad-detriment ta' diversi persuni, liema serq ma jaqbizx il-valur ta' Lm100 (skond l-Art 18, 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Aktar talli fit-12 ta' Jannar 2007, ghall-habta tad-9.30 pm, gewwa hal-Balzan, ikkommetta serq ta' mobile phone ta' l-ghamla Sharp ghad-detriment ta' Jesmond Agius, liema serq huwa aggravat bil-hin u ma jaqbizx l-ammont ta' Lm100 (skond l-Art 18, 270, 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MCP1 u nnutat li l-imputat wara li gie mistoqsi jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u wara li nghata zmien xieraq biex iwiegeb, iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat, inkwantu ghall-oggetti esebiti bhala Dok MCP5 u Dok MCP6, iddikjara li dawn l-oggetti, fosthom flus fl-ammont ta' Lm283, ma jappartjenux lilu u wkoll minn issa iddikjara li ma jopponix ir-rilaxx tal-imsemmija oggetti f'kaz li jsiru Rikorsi mis-sidien legittimi taghhom.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat talab li l-Qorti tirrevoka l-inkarigu moghti lill-Espert Martin Bajada moghti fis-Seduta tat-23 ta' Jannar, 2007.  Din it-talba giet milqugha.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-Espert Martin Bajada presenti fl-Awla iddikjara li ha konjizzjoni tad-Digriet tal-Qorti tallum u ddikjara wkoll li hu ma nkorra l-ebda spejjez fl-inkarigu moghti lilu.  Inoltre l-istess Espert Martin Bajada iddikjara li sejjer jirritorna l-esebiti.

Inoltre innutat li fis-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur, fid-dawl ta' dak dikjarat aktar qabel mill-Espert Martin Bajada fis-Seduta tallum, iddikjara li ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-Artikoli 18, 261(c) u (f), 267, 270, 279(a), 281(a), 284, 334, 49, 50, 17(b) u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Jesmond Bugeja, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali xejn felici tal-imputat, il-problema tad-droga li ghandu l-imsemmi imputat u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija tikkundanna lill-imputat Jesmond Bugeja ghall-piena komplessiva ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija.

Il-Qorti tordna li mill-piena karcerarja imposta b’din is-Sentenza fil-konfront tal-imputat Jesmond Bugeja ghandu jitnaqqas il-perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv rigward dan il-kaz.

Finalment, fid-dawl tal-problema tad-droga li ghandu l-imputat Jesmond Bugeja, tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin biex jara li tali problema tal-imputat tkun indirizzata ghal fini li l-istess imputat ikun jista johrog minn din il-problema tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------